# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Marzu, 2021**

**Numru 1**

**Rikors Numru 1143/18TA**

**Manwel (I.D. 122944M) u Victoria (I.D. 333546M) konjugi Vella**

**vs**

**Avukat Dr. Charmaine Cherrett u Prokuratur Legali Peter Paul Sammut li b'digriet tad-19 ta' Diċembru 2018 ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredita' ġjaċenti ta' Arthur Francis Alderton (numru tal-passaport B167151)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Dr. Christian Farrugia għan-nom u in-rappresentanza ta' JNF Charitable Trust tad-9 ta' Novembru 2020;

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Novembru 2020;

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati tal-25 ta' Novembru 2020;

Rat ir-risposta tal-Atturi tal-5 ta' Jannar 2021;

Semgħet ix-xhieda kemm tal-Atturi u kif ta' Dr. Christian Farrugia in konnessjoni ma' din il-proċedura;

Rat l-atti u dokumenti konnessi mal-istess;

Semgħet lill-abbli avukati tal-partijiet għal din il-proċedura fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2021;

Rat li r-rikors tħalla għall-provvediment fil-miftuħ għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet**

Permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrent qiegħed fis-sustanza jitlob sabiex jiġi awtorizzat jirrapresenta lill-eredita' ġjaċenti ta' Arthur Francis Alderton bħala mandatarju speċjali ta' JNF Charitable Trust minflok id-Deputati Kuraturi. Qed jitlob ukoll li jkun jista' jagħmel risposta Ġuramentata.

Fil-waqt li l-Kuraturi Deputati ma humiex jopponu, salv ħlas ta' drittijiet tagħhom, l-Atturi qed joffru opposizzjoni għaliex fis-suċċint, apparti affarijiet oħra, huma jsostnu li għamlu dak kollu li titlob minnhom il-liġi u li għalhekk il-vot tal-istess kien osservat *"f'sitwazzjonijiet fejn l-eredita' tal-persuna koncernata ma tkunx tista' tigi stabbilita wara li jsiru r-ricerki neccessarji"*.

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-kwistjoni li għandha quddiemha, pjuttost ta' natura proċedurali, li ġiet provokata mir-rikors ta' Dr. Christian Farrugia, meta l-kawża kienet għas-Sentenza wara noti ta' sottomissjonijiet mill-

partijiet. Il-Qorti tħoss ukoll, li għandha telluċida, li l-vertenza ma tirrigwardax l-aspett sostantiv tal-pretensjonijiet tal-Atturi, iżda l-mod kif ġew indirizzati t-talbiet tagħhom bil-ħatra ta' Kuraturi Deputati peress li l-Konvenut Arthur Francis Alderton huwa mejjet.

Il-Qorti tħoss ukoll, li għandha tippuntwalizza, li l-Istitut tal-ħatra ta' Kuraturi f'dawn iċ-ċirkostanzi jew meta l-Konvenut ikun assenti minn Malta huwa wieħed onoruż ħafna. Tfakkar li kemm jekk il-Kuraturi ma jagħmlux xogħolhom sewwa u anke jekk l-Atturi ma jipprovdux l-informazzjoni kollha għad-disposizzjoni tagħhom lil dawn tal-aħħar, kwalunwke eventwali Sentenza li tingħata, mhux biss tista' tirrendi lil dak li jkun responsabbli għad-danni, iżda jkun hemm ukoll ksur ta' wieħed mill-prinċipji tal-ġustizzja naturali: dak tal-*audi alteram partem.* Ħadd daqs il-parti nnifisha ma huwa f'posizzjoni li jiddefendi l-kawża bl-aħjar mod possibbli. Daqstant huwa importanti dan l-Istitut.

L-artikoli li jirregolaw s-sitwazzjoni huma prattikament tnejn u cioe' 931 u 936 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn iż-żewġ artikoli rispettivament jistipulaw is-segwenti:

"*931.(1) Il-qorti, wara d-digriet tal-ħatra tal-kuraturi, toħroġ bandi, illi għandhom jiġu mwaħħla fid-daħla tal-edifizzju fejn il-qorti toqgħod.*

*(2) Kopja ta' dawn il-bandi flimkien ma' kopja tal-iskritturajew verżjoni qasira tagħha għandha tiġi nnotifikata lil wieħed mill-eqreb qraba tal-persuna li għandu jkollha kuratur li jidher għaliha jew li għall-wirt tagħha*

*tintalab il-ħatra ta' kuraturi, u jekk ebda qarib ma jkun magħruf,* ***din il-kopja għandha tiġi notifikata lil xi ħadd ieħor magħruf bħala li hu jew li kien ħabib tal-persuna ligħandha interess.***

*(3) Meta l-persuna li tkun qed titlob il-ħatra ta' kuraturi kifimsemmi fis-subartikolu (2), ma tkun taf b'ebda qarib jew ħabib, il-qorti tista' tordna li minflok in-notifika msemmija fis-subartikolu(2) kopja tal-bandi flimkien ma' kopja tal-iskrittura jew verżjoniqasira tagħha tiġi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern u f'għallanqasżewġ gazzetti ta' kuljum bi spejjeż għall-applikant."*

(Emfazi tal-Qorti ).

u

*"936.(1) Il-kuraturi għandhom jagħmlu l-ħila tagħhom kollha għad-difiża tal-interessi li għalihom ikunu jidhru. Id-dmirijiet tal-kuraturi għandhom jinkludu dan li ġej:*

*(a) li jinvestigaw sewwa dwar il-jeddijiet tal-persuni li jirrappreżentaw u li jidentifikaw dawn il-jeddijiet;*

*(b) li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jittutelaw il-jeddijiet imsemmija qabel;*

*(c)* ***li jikkuntattjaw minnufih lill-persuna jew persuni li jkunu qed jirrappreżentaw, jekk l-indirizz ikun magħruf, u jekk mhux magħruf għandhom jagħmlu dak kollu li jistgħu jagħmlu biex isiru jafu l-indirizzi tagħhom, magħduda l-pubblikazzjoni bl-awtorità tal-qorti ta' avviż f'gazzetta tal-lokal fejn aħħar kien magħruf jew kienu magħrufin;***

*(d) li jgħarrfu lill-persuna jew persuni li jkunu qedlj irrappreżentaw b'kull att ġudizzjarju u x'ikun fih;*

*(e)* ***li jiksbu t-tagħrif kollu meħtieġ sabiex jiddefendu kull interess tal-persuna jew persuni li jkunu jirrappreżentaw****;*

*(f) li jkomplu jittutelaw l-interessi tal-persuna jew persunili jirrappreżentaw dwar kull ħaġa pendenti minkejja liż-żmien tal-ħatra taħt l-artikoli 89 jew 90 jista' jkunskada; u*

*(g) li jżommu lill-qorti regolarment mgħarrfa b'kull azzjoni meħuda fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom.*

*(2) Il-kuraturi għandhom iwieġbu għal kull danni u imgħaxijietli jista' jkun hemm minħabba t-traskuraġni tagħhom."* (Emfazi tal-Qorti).

Minn dawn iż-żewġ artikoli jemerġi ċar, li fil-waqt li tal-ewwel jindirizza lil min ikun qiegħed jitlob il-ħatra ta' kuraturi u dwar x'inhuma l-obbligi tiegħu, it-tieni wieħed jindirizza llil-kuraturi deputati. Filwaqt li jelenka obbligi tagħhom, jgħid ukoll x'inhuma l-konsegwenzi jekk jonqsu milli jaqdu dmirhom b'diliġenza. Il-kwistjoni li għandha quddiemha din il-Qorti ma hiex jekk il-Kuraturi għamlux xogħolhom sewwa, għax jidher ċar li għamluh, tant li illum qed ikun ikkunsidrat ir-rikors odjern b'konsegwenza ta' xogħol tajjeb li għamlu. Dak li għandha quddiemha l-Qorti hu, jekk l-Atturi għamlux dak li titlob il-liġi minnhom, b'mod li seta' jkun evitat dan l-espisodju.

Il-Qorti tfakkar, li l-Istitut tal-Kuraturi, ma hux mahsub biex dak li jkun jikseb Sentenza mingħajr ħafna opposizzjoni. L-anqas ma huwa maħsub biex

dak li jkun jieħu l-iqsar triq. Għalhekk, min jagħmel talba għall-ħatra ta' Kuraturi, jkun jaqbillu li jgħaddilhom l-informazzjoni kollha li għandu fil-pussess tiegħu. B'dan il-mod ikun qed jgħinhom jaqdu dmirijiethom skont il-liġi kif fuq spjegat. Informazzjoni ħażina jew miżmuma, minn min ikun qed jagħmel it-talba, tista' twassal għal ġudikati li jkunu attakabbli u jekk mhux ukoll għal kawżi għad-danni. Daqstant huma importanti d-dmirijiet u obbligi li jġib miegħu dan l-Istitut.

Fil-fehma tal-Qorti, il-ħames paragrafu tar-risposta tal-Atturi, huwa l-qalba tal-vertenza li għandha quddiemha din il-Qorti. Huma jgħidu li **assumew** li Dr. Christian Farrugia *"m'ghandu ebda konnessjoni jew interess mal-istess pretensjonijiet taghhom jew inkella xi involviment fl-eredita' tas-Sur Arthur Francis Alderton".* Mill-provi li semgħet il-Qorti appositament dwar ir-rikors, din il-Qorti ma setgħetx tasal għall-istess konklużjoni. Anzi tikkonkludi, li kemm fil-fatt kif ukoll fil-liġi, assumew ħażin. Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni għar-raġunijiet hawn taħt imsemmija.

Mill-provi joħroġ ċar, li sa circa sena qabel ma kienet presentata l-Kawża odjerna, l-Atturi, bil-mezz tal-Avukat tagħhom li kellhom dak iż-żmien, kienu qegħdin jittrattaw ma' Dr. Christian Farrugia dwar il-pretensjonijiet tagħhom. Dan tal-aħħar fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2021 jixhed hekk:

*"Dr. Abela baqa' jcempilli. Cempilli hafna biex nghid kollox u darba irrid nghid ukoll, darba is-sinjuri ghamlu appuntament mieghi. Ma kontx naf li effettivament kienu gejjin ghandi biex jitkellmu fuq dan il-kaz. Jiena*

*hsibthom kljenti godda pero` kienu gew l-ufficcju, qaghdu bil-qieghda quddiemi niftakar is-Swatar u kif bdew jitkellmu mieghi, ghidtilhom isma jiena nirrapprezenta lin-naha l-ohra. Ghidtilhom morru ghand l-avukat taghkom u tkellmu mieghu u mhux mieghi. Kienu gew ghandi sahansitra mhux biss kienu jafu bija".*

Fix-xhieda tiegħu, Dr. Christian Farrugia jafferma għal diversi drabi, li huwa qatt ma qal lill-Atturi jew tahom x'jifhmu li ma għadx għandu x'jaqsam mal-każ. Dan huwa kkonfermat anke mill-Atturi meta fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2021 kjarament għidu li meta marru jkellmu lil Dr. Christian Farrugia dan f'ebda ħin ma qallhom li ma kienx għadu jirrapresenta lill-klijient tiegħu (ara' fol 321 u a' fol 322 tergo). Mhux hekk biss, iżda jemerġi ukoll mix-xhieda ta' Dr. Christian Farrugia li anke wara dik il-laqgħa, xorta baqa' jittratta dwar il-każ mal-avukat tal-Atturi.

Għalhekk il-Qorti ma tistax tifhem kif l-Atturi fehmu li Dr. Christian Farrugia ma għadx għandu x'jaqsam, meta saħansitra indikawh bħala xhud fil-lista tax-xhieda tagħhom. Issa huwa ċar, li meta tħarrek bħala xhud avukat ta' parti, dan dejjem jeħtieġlu l-kunsens tal-klijent tiegħu biex jixhed. Iżda hi x'inhi s-sitwazzjoni, anke jekk kellhom dubbju li l-Avukat Christian Farrugia ma għadux l-avukat, għalkemm fl-atti din il-Qorti ma sabet xejn minn dan kollu, kellhom fl-ewwel lok l-obbligu li jinnotifikawh bil-bandi għall-ħatra ta' kuraturi u fit-tieni lok jinformaw lid-Deputati Kuraturi wara li bdiet il-Kawża.

Il-kalkolu ta' jekk il-bandi jiġux aċċettati mhux ir-rikorrent irid jagħmlu, iżda min ikun notifikat bihom. Kien sta għal Dr. Christian Farrugia jekk jaċċettax il-bandi jew jekk ikunx irid jikkoopera mad-Deputati kuraturi. Iċ-ċertezza li l-bandi ser ikunu aċċettati mhux meħtieġa, iżda tenħtieġ biss il-possibilita' jew il-probabilita' tal-aċċettazzjoni. F'dan il-każ il-possibilita' jew il-probabbilta' li Dr. Christian Farrugia kien ser jaċċetta, kienet tesisti fil-mument li sar r-rikors għall-ħatra ta' Kuraturi deputati tant li qiegħed jintervjeni f'dan l-istadju tal-Kawża. Il-minimu li setgħu jagħmlu l-Atturi kien li jinformaw lill-Kuraturi deputati bl-esistenza ta' Dr. Christian Farrugia bħala l-avukat li l-aħħar jafu li kien jippatroċinja lill-mejjet, iżda l-anqas dan ma għamlu.

L-ermenawtika dwar din il-posizzjoni hija skarsa, b'dana kollu, din il-Qorti irnexxielha tispigola bran li tista' tgħid huwa mfassal għall-każ li għandha quddiemha. Din il-Qorti osservat *"li f'każ simili hu aċċettabbli li wieħed jinnotifika lill-Avukat li kellu xi konnessjoni mal-konvenut, dejjem jekk ma jkunx jaf li hemm xi qarib jew ħabib ai termini tal-artikolu 931 tal-Kap."* (ara **Sentenza tal-25 ta' Ġunju 2010 fl-ismijiet Borda Brothers Limited -vs- Elisa Grieco u b'digriet tas-16 ta' Diċembru, 2008, Dr. Renzo Porsella-Flores u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici**).

Din il-Qorti qieset ukoll il-**puncto temporis** ta' meta seta' sar jaf bl-esistenza tal-Kawża Dr. Christian Farrugia. Żgur li ġie a' konjizzjoni ta' dawn il-proċeduri f'xi mument fl-2020 (ara verbal tat-22 ta' Ġunju 2020,

Andrew Bowman jissemma' minn Dr. Christian Farrugia fix-xhieda tiegħu). Ikkunsidrat il-provi u ċirkostanzi tal-każ, fosthom żewġ differimenti minħabba l-Covid u kif ukoll iż-żmien li kien hemm bżonn, biex l-imsemmi avukat seta' jikkomunika mal-klijent tiegħu f'ċirkostanzi, fejn Fondazzjoni barranija kienet qed tipprova tifhem x'ġara.

Kieku l-Atturi, sa minn qabel ma saret din il-Kawża, innotifikaw bil-bandi lil Dr. Christian Farrugia, jew tal-inqas wara li bdiet, fornew informazzjoni lill-Kuraturi deputati dwar l-esistenza ta' Christian Farrugia, dan l-iskoll qabel is-Sentenza kien ikun evitat. Di piu', kemm b' sens ta' ġustizzja, iżda anke skont il-liġi, il-Qorti ma tarax għalfejn ma għandhiex tħalli lil Dr. Christian Farrugia milli jippresenta eċċezzjonijiet oħra ulterjuri magħduda ma dawk diġa' mogħtija mill-Deputati Kuraturi.

Il-Qorti tfakkar, li fi kwalunkwe stadju tal-Kawża ma hemm xejn fil-liġi li ma jippermettix lis-suċċessuri ta' parti fil-Kawża milli jassumu l-atti flok il-kuraturi. Anzi artikolu 810B tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta espressament jipprovdi li *kwalunkwe persuna interessata li għaliha jirreferi l-artikolu 807 kif ukoll il-parti l-oħra fil-kawża tista', sa dak iż-żmien li l-kawża tiġi differita għas-sentenza jew wara s-sentenza fil-każ li l-persuna jew il-parti msemmija tippreżenta rikors tal-appell, tutilizza d-dispożizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 806 u 807 rispettivament.* Li trid tikkonsidra din il-Qorti hu, jekk meta tkun waslet il-Kawża għas-Sentenza, dawk li jassumu

għandhomx dritt li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri magħduda ma' dawk diġa' mogħtija mill-Kuraturi deputati.

Din il-Qorti tiddistingwi bejn żewġ sitwazzjonijiet. L-ewwel waħda meta jkun ħtija ta' min qed jassumi li tali assunzjoni tkun saret fi stadju daqstant ad oltranza tal-Kawża, sal-punt li din tkun tħalliet għas-Sentenza. F'dak il-każ id-dewmien ikun ta' preġudizzju rraġjonevoli għall-parti l-oħra. Imbagħad hemm il-każ l-ieħor, meta min qed jassumi l-atti, ma kienx jaf bl-esistenza tal-kawża, minħabba informazzjoni skorretta jew miżmuma minn xi parti kif fuq spjegat. Fl-aħħar każ, il-preġudizzju ser ikun tal-parti li qed titlob li tassumi l-atti.

Il-Qorti tħoss, li ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha jaqgħu fit-tieni kategorija. Għalhekk ser tkun qed tippermetti li Dr. Christian Farrugia nomine jagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri. Li kieku l-Kuraturi Deputati baqgħu kontumaċi, allura kienet tkun ħaġa oħra, iżda ġaladarba wieġbu u mhux biss iżda irriservaw "*li jippresentaw eccezzjonijiet ulterjuri jekk kemm il-darba jirnexxilhom ikunu edotti mill-fatti u jsir kuntatt mal-assenti"* bl-istess mod għandu jitħalla jippresenta eċċezzjonijiet ulterjuri. Li dawn ser isiru fi stadju daqstant matur tal-Kawża huwa dovut għall-aġir tal-Atturi.

Il-Qorti tfakkar li l-ewwel talba għas-sospensjoni tas-Sentenza diġa' ġiet milqugħa għalhekk fadal ir-rimanenti erbgħa talbiet.

Għaldaqstant din il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija qegħdha:-

**Tilqa' t-tieni talba** u tordna l-estromissjoni tal-Avukat Charmaine Cherrett u l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut bla ħsara għad-drittijiet tagħhom skont il-liġi li għandhom jitħallsu provvisorjament mill-Atturi.

**Tilqa' it-tielet talba** u tammetti lill-Avukat Christian Farrugia sabiex jirrapresenta lill-eredita ġjaċenti ta' Arthur Alderton fil-kawża odjerna bħala mandatarju ta' JNF Charitable Trust u dan flok l-imsemmija Kuraturi Deputati.

**Tilqa' ir-raba' talba** u takkorda lill-istess Dr. Christian Farrugia fil-kwalita' premessa sabiex jippresenta eċċezzjonijiet ulterjuri fi żmien għoxrin ġurnata mil-lum.

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ħames talba peress li dwar dan l-aspett tal-kawża ser tkun qed tipprovdi seduta stante.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**